**12 ta' Diċembru 1994**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici, LL.D. - President**
**Onor. Carmel L. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Noel V.Arrigo, LL.D.**

Elisabeth Anne Calabrese

*versus*

Ersilia Bigeni

## Korrezzjoni F'Atti Ġudizzjarji Jew Skritturi Ġudizzjari - Art. 175 Tal-Kodiċi Tal-Proċedura Ċivili

*Intalbet u ntlaqgħet korrezzjoni f'isem quddiem l-ewwel Qorti u sar Appell minn tali korrezzjoni. Il-korrezzjoni kienet sabiex isem ta' soċjetà konvenuta jinqara 'Central Construction Co. Ltd' flok 'Central Construction Limited'.*

*Il-Qorti ta' l-Appell irriflettiet fuq l-interpetazzjoni u l-portata preċiża ta' l-art. 175 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili. Il-qofol qiegħed fil-preċisazzjoni li timporta l-kelma 'fis-sustanza'. Din tindika li kull bidla li ssir trid tkun bidla ta' xi dettal ta' xi ħaġa marġinali, inċidentali, imma mhux materja ta' sustanza jew li teffettwa s-*

*sustanza. Fil-każ taħt eżami, in-nuqqas ta' l-abbrevjazzjoni Co. fl-isem ta' kumpanija mhuwiex nuqqas li verament jeffettwa b'xi mod l-identità tal-parti. L-Appell ġie miċħud u l-atti rimessi quddiem l-ewwel Qorti għall-kontinwazzjoni.*

F'din il-kawża l-atturi qegħdin jitolbu prinċipalment illi l-Qorti tiddikjara li huma l-proprjetarji ta' biċċa art, imsejjħa 'Tal-Mielħa', f'Marsalforn, Għawdex , u biex tordna lill-konvenut biex jirrexxindu kuntratt li bih suppost li ttrasferew il-proprjetà ta' l-istess art;

Waħda mis-soċjetajiet konvenuti ġiet mharrka bl-isem '***Central Construction Limited***';

Fin-Nota ta' Eċċezzjonijiet ta' Ersilia Bigeni u Sylvia Camilleri fil-kwalità tagħhom ta' diretturi għan-nom u in rappreżentanza tal-kumpanija, ***Central Construction Company Limited***, fit-tieni eċċezzjoni qalu:

'Preliminarjament ukoll, l-illeġittimà tal-persuna ta' l-eċċipjenti li jidhru kif ġew ċitati f'din il-kawża peress li huma diretturi tal-kumpanija ***Central Construction Company Limited***, u mhux tal-kompanija ***Central Construction Limited***';

L-atturi talbu li l-isem tal-kumpanija kif minnhom indikat fiċ-ċitazzjoni jiġi korrett biex jiġi jinqara hekk:- ***Central Construction Co. Ltd.*** flok '***Central Construction Limited***';

Il-konvenuti opponew imma l-Qorti fit-23 ta' Ġunju, 1994, aċċettat it-talba u qalet:-

'....... wara li rat l-artikolu 175 (1) COCP (li sfortunatament illum, qed tintuża biex tindika *Code Of Organisation and Civil Procedure* - flok il-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili) jidhrilha li tali korrezzjoni mhix sejra teffettwa is-sustanza ta' l-azzjoni, jew l-eċċezzjonijiet mogħtija, u għalhekk tilqa' t-talba u tordna d-debita korrezzjoni. Il-Qorti tordna in-notifika mill-ġdid taċ-ċitazzjoni kif korretta';

Il-konvenuti appellaw għaliex:

(a) huma eċċepew l-illeġittimà tal-persuna tagħhom li jitħarrku għan-nom u in rappreżentanza tal-kumpanija msemmija. L-isem indikat fiċ-ċitazzjoni huwa differenti minn dak li jirrappreżentaw l-eċċipjenti appellanti u ***Central Construction Limited*** m'hijiex l-istess kumpanija bħal *Cental Construction Co. Ltd*, l-iżball jekk kien żball, xorta jbiddel il-kumpanija. Hawnhekk inbidlet l-identità tal-persuna rappreżentata;

(b) billi b'dak li għamlet il-Qorti iddeċidiet effetivament l-ewwel eċċezzjoni, hija kellha, se mai, tagħmel dan f'sentenza u mhux b'digriet;

(c) il-korrezzjoni biddlet is-sustanza ta' l-eċċezzjoni u għalhekk, ma setgħetx tingħata;

**L-artikolu 175 Kap. 12**

Skond dan l-artikolu, Qorti ta' l-ewwel grad tista' tordna tibdil fl-iskrittura f'dawn il-każijiet:-

(a) iżżid jew tneħħi l-isem ta' waħda mill-partijiet u tqiegħed ieħor floku;

(b) issewwi żball fl-isem tal-partijiet, jew fil-kwalità li fiha jidhru;

(c) jew xi żball ieħor;

(d) billi jiġu mdaħħla hwejjeġ oħra dwar il-fatti jew il-liġi;

Il-limitu huwa senjalat fil-frażi:

'....... basta li l-ebda tibdil bħal dan ma jkun biddel fis-sustanza l-azzjoni jew l-eċċezzjoni';

Id-diffikultà li ġeneralment tinħoloq fl-applikazzjoni ta' dan l-artikolu taġġira dejjem madwar din il-limitazzjoni; fil-każ preżenti il-pretensjoni ta' l-appellanti illi t-tibdil ordnat mill-Qorti 'biddel, fis-sustanza l-eċċezzjoni';

Huwa ovvju li din il-limitazzjoni ma tapplikax meta l-eċċezzjoni tkun proprju tindika *l-iżball li jiġi korrett - sakemm* dik il-bidla ma tbiddilx is-sustanza ta' l-azzjoni. Dan huwa ovvju għaliex m'huwiex ġuridikament konformi illi bidla tista' ssir jekk, *ma ssirx* eċċezzjoni *imma ma tistax* ssir, jekk *tingħata l-*eċċezzjoni. Il-qofol qiegħed fil-preċisazzjoni li timporta l-kelma 'fis-sustanza'. Din tindika li kull bidla li ssir trid tkun bidla ta' xi dettal ta' xi ħaġa marġinali, inċidentali, imma mhux **materja ta' sustanza jew li teffettwa s-sustanza**;

**Artikolu 780 Kap. 12**

L-eċċezzjoni li l-appellanti jirritjenu li tostakola l-korrezzjoni hija bażata fuq l-artikolu 780 Kap. 12:-

'L-eċċezzjoni dwar l-illeġittimita' ta' l-attur jew tal-konvenut tista' tingħata, meta 'l wieħed jew l-ieħor huma inkapaċi skond il-liġi biex joqgħodu fil-kawża, inkella biex iħarrek jew jiġi mħarrek fl-isem u fl-interess ta' ħaddieħor mingħajr ma jkun awtorizzat skond il-liġi għaldaqshekk';

Issa l-eċċezzjoni titkellem fuq il-**persuna ta' l-eċċipjenti** li jidhru fil-kawża fi kwalità rappresentattiva, u ċjoè **m'humiex il-partijiet in kawża** għaliex il-konvenuti huma **żewġ kumpaniji** jiġifieri **żewġ persuni ġuridiċi u mhux żewġ persuni fiżiċi** u billi l-bidla permessa mill-Qorti hija fuq **l-isem ta' waħda mill-kumpaniji konvenuti**, huwa ċar li l-eċċezzjoni m'għandha x'taqsam xejn mal-bidla permessa fl-isem ta' waħda mill-kumpaniji konvenuti;

Kuntrarjament għal dak li jgħid ir-rikors ta' appell, kien hemm żball sempliċi **fl-isem** tal-parti - il-kumpanija *Central Construction Co. Ltd* - xejn aktar.

L-iżball kien ta' nuqqas ta' konsistenza tali li wieħed jista' anki jikkonsidrah negliġibbli għaliex in-nuqqas ta' l-abbrevjazzjoni Co. fl-isem ta' kumpanija m'huwiex nuqqas li verament jeffettwa b'xi mod **l-identità tal-parti** in kawża - u għalhekk qegħdin l-ismijiet;

L-appell għalhekk huwa miċħud u l-atti għandhom jintbagħtu lura lill-ewwel Qorti għall-kontinwazzjoni skond il-liġi;

Spejjeż għall-appellanti.